

DEĊIJONI (UE) 2020/1855 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-13 ta' Mejju 2020**

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2018,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Audituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti (¹),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (²) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, improvduta mill-Qorti tal-Audituri għas-sena finanzjarja 2018 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2020 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2018 (05763/2019 — C9-0071/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (³), u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (⁵), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2014 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 209 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁶),
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2019/887 tat-13 ta' Marzu 2019 dwar il-Mudell tar-Regolament Finanzjarju għal korpi ta' sħubija pubblika-privata msemmija fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁷),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Trasport u t-Turiżmu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0055/2020),

(¹) ĠU C 426, 18.12.2019, p. 1.

(²) ĠU C 426, 18.12.2019, p. 57.

(³) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

(⁴) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

(⁵) ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9.

(⁶) ĠU L 38, 7.2.2014, p. 2.

(⁷) ĠU L 142, 29.5.2019, p. 16.

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għall-implementazzjoni tal-bagħit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2018;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Shift2Rail, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

David Maria SASSOLI

Is-Segretarju Ġeneral

Klaus WELLE